MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1526/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Stephen Farrugia u l-istess Stephen Farrugia**

**Vs**

**Jesmond Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm254.63c (mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident stradali li sehh f'Burmarrad fil-21 ta' Dicembru, 2001 bejn Toyota Liteace numru JAB 135 tal-attur u Leyland Cruiser numru HAI 171 misjuqa mill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm254.63c (mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------